MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 377/2013

Appell Nru: 377/2013

Il-Pulizija

[Spettur Elton Taliana]

Vs

Roderick Grech

Illum, 27 ta' Marzu, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Roderick Grech, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 497890M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-4 ta' Awwissu, 2013 ghal-habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00hrs) minn gewwa 'The Convienence Shop', fi Triq Mons. A. Mifsud, Birkirkara:-

1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Ivan Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94 Ewros).
2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Franklyn Grech u lil Sue Ellen Cassar kontra l-volonta' taghhom.
3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Franklyn Grech u lil Sue Ellen Cassar jaghmlu, jhallu jsir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga.
4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.
5) Talli zamm u/jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (pistol) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala ricediv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-9 ta' Awwissu, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 289, 17, 262, 263, 267, 270 u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabat lill-imputat Rodrick Grech hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 ikkundannatu ghal-tnax il-xahar prigunerija sospizi ghal-erba' (4) snin. Il-Qorti rredigiet lill-Probation Officer hekk imqabbad ghandu jassigura li l-imputat johrog mill-vizzju tal-loghob u li jirritorna l-flus derubati entro t-terminu ta' din is-sentenza, u tordna wkoll id-distruzzjoni tal-esebiti kollha f'dawn il-proceduri.

Finalment, spjegat fi kliem semplici ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur tal-Probation and Parole.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Awwissu, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u

2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skond il-liġi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-12 ta' Awwissu 2013 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata billi erogat piena li hija anqas mill-minimu stabbilit mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellat;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal sena priġunerija (sospiża għal erba' snin) meta l-minimu stabbilit mill-liġi għar-reati li tagħhom instab ħati l-appellat huwa aktar minn hekk;

Illi a skans ta' kull ekwivoku jiġi mmedjatament rilevat illi fil-każ *de quo* ma kienu jissussitu ebda raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu, ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt, effettivament lanqas ma hemm imsemmi fis-sentenza xi raġunijiet speċjali u straordinarji għaliex l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tinżel taħt il-minimu, ai termini ta' l-istess artikolu. Filwaqt li huwa konċess li l-appellat ikkopera mal-Pulizija, din m'hijiex raġuni għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 21, u, fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti, korrettement, ma applikatux;

Illi fuq l-ammissjoni tiegħu stess, l-appellat instab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu;

Illi għalkemm is-sentenza appellata hija kompletament siekta dwar dan, l-esponent sejjer, għall-fini ta' dan l-appell, jikkonċedi li għal dak li jirrigwarda l-piena, it-tieni (2) imputazzjoni (dik ta' sekwestru tal-persuni ta' Franklyn Grech u Sue Ellen Cassar) u t-tielet (3) imputazzjoni (dik ta' użu ta' vjolenza biex iġiegħel lil Franklyn Grech u Sue Ellen Cassar jagħmlu xi ħaġa) jkunu assorbiti fl-ewwel (1) imputazzjoni (serq ikkwalifikat, b'*inter alia*, l-vjolenza);

Illi għandu jitfakkar ukoll li l-appellat instab ħati wkoll ta' l-addebitu tar-reċidiva fis-serq, ai termini ta' l-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-artikolu **275** tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' sekwestru tal-persuna jeħel **il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa erba' snin**"*

Illi *di piu'*, l-artikolu **277 (b)** tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skond l-artikoli 274, **275** jew 276, ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel... jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal-"mezz", sew jekk ma' kwalifiki oħra kemm mingħajrom il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A, **miżjuda bi grad jew tnejn**".*

Illi kwindi, ġaladarba l-appellat instab ħati ta' serq aggravat bil-vjolenza (sekwestru ta' persuni), bil-ħin, bil-mezz, u bil-valur, allura **l-piena MINIMA ai termini tal-liġi kellha tkun dik ta' sena miżjuda bi grad – u cioe' tmintax (18)-il xahar priġunerija**.

Illi dan huwa biss għal dak li jirrigwarda l-Ewwel (1) imputazzjoni bl-assorbiment tat-Tieni (2) u t-Tielet (3) waħda. Hemm imbagħad ir-Raba' (4) u l-Ħames (5) imputazzjonijiet li tagħhom l-appellat ukoll irreġistra ammissjoni. Ir-raba' mputazzjoni. L-**artikolu 55 (a) tal-Kap. 480** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Kull min... fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna... ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal **mhux iżjed minn erba' snin**..."*

L-appellat ammetta wkoll il-ħames imputazzjoni, u cioe' li ġarr jew kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar (pistola) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Dan ir-reat, ai termini ta' l-**artikoli 3 u 51(1)(a) tal-Kap. 480** tal-Liġijiet ta' Malta, iġib miegħu piena ta' priġunerija **minn tliet xhur sa għaxar snin**;

Illi l-appellat ammetta wkoll ir-reċidiva fis-serq ai termini ta' l-artikolu 289 tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, fejn, ai termini ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti **setgħet** iżżid il-piena bi grad jew tnejn. *Considerando*, pero', li dan l-awment fil-piena huwa fakoltattiv u mhux tassattiv, l-esponent m'huwiex qiegħed jirreġistra aggravju dwar dan;

Illi għall-fini ta' rikapitolazzjoni, konċess li t-Tieni (2) u t-Tielet (3) imputazzjonijiet jiġu assorbiti fl-Ewwel (1) imputazzjoni għall-fini ta' piena, u konċess ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti deherilha li ma kellhiex tawmenta l-piena minħabba r-reċidiva, xorta waħda l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti – u cioe' dik ta' sena priġunerija sospiża għal erba' snin – taqa' taħt il-minimu stabbilit mill-liġi. Kif ġie muri f'dan l-umli rikors ta' appell, il-piena **minima** għall-ewwel imputazzjoni biss (bl-assorbiment tat-Tieni u t-Tielet) hija dik ta' **tmintax (18)-il xahar** priġunerija.

Ma dan, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17 (b) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jiżdied minn terz sa nofs tal-pieni applikabbli għar-Raba' u l-Ħames imputazzjonijiet magħdudin flimkien;

Illi anke jekk wieħed iżomm strettament mal-piena minima possibbli skond il-liġi, u, anke jekk għas-saħħa ta' l-argument jikkondividi l-ħsieb ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li fil-każ odjern piena karċerarja **sospiża** tkun ta' aktar benefiċċju għall-appellat minn waħda effettiva, *considerando* l-fuq espost il-*quantum* tat-terminu ta' priġunerija (anke jekk jibqa' sospiż għal erba' snin) għandu jkun dak ta' sentejn u mhux sena. Ta' min wieħed ifakkar li l-*hold-up* huwa reat serju ħafna li anke jekk ma jweġġa' ħadd waqt il-kommissjoni tiegħu, jġib allarm fis-soċjeta' in ġenerali, apparti t-trawma fuq il-vittmi u persuni oħra nnoċenti li jitgħu jkunu fuq il-post. Kwindi l-element ta' deterrent għandu wkoll jiġi kkunsidrat għall-fini ta' piena.

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-erbgha (4) ta' Awwissu tal-elfejn u tlettax (2013) sar hold up fuq zewg impjegati gewwa l-hanut The Convenience Shop fi Triq Monsinjur A. Mifsud, Birkirkara, proprjetà ta' Ivan Calleja. F'dan il-hold up insteraq l-ammont ta' cirka seba' mitt ewro (€ 700). Il-pulizija bdiet tinvestiga dan il-kaz u sahansitra ressqet terza persuna l-Qorti in konnessjoni mal-istess kaz. Izda mbaghad fil-kors tal-investigazzjoni dahlitilha informazzjoni kunfidenzjali li kien l-appellat Rodrick Grech illi wettaq dan il-hold up. Il-pulizija baghtet ghall-appellat fejn minkejja li ghall-ewwel cahad l-involviment tieghu, wara ikkopera mal-pulizija, stqarr li kien hu li kkommetta l-hold up inkwistjoni u sahansitra ipproduca l-balaklava u l-imitazzjoni ta' pistola li uza in konnessjoni ma' dan ir-reat. Ghalhekk tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi fuq imsemmija. Fl-ewwel seduta tad-disgha (9) ta' Awwissu tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellat irregistra ammissjoni u l-Qorti ghaddiet biex tikkundannah wara li sabitu hati ghal tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin.

L-Avukat Generali però hassu aggravat b'din is-sentenza peress illi dherlu illi l-minimu stabbilit mil-ligi ghar-reati li taghhom instab hati l-appellat huwa ta' aktar minn sena u irrileva illi ma kienu jissussistu ebda ragunijiet specjali u straordinarji sabiex l-ewwel Qorti tinzel taht il-minimu ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap. 9. Argumenta illi skont l-artikolu 275 tal-Kap. 9 il-hati ta' serq li jsir flimkien ma' sekwestru tal-persuna jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sena sa erba' snin. Però f'dan il-kaz kien hemm l-aggravju tal-vjolenza f'liema kaz allura l-piena fuq imsemmija tizdied bi grad jew tnejn. Dan ifisser kwindi li l-piena minima ai

termini tal-ligi kellha tkun dik ta′ sena mizjuda bi grad u cioé tmintax-il xahar prigunerija. Dan oltra z-zieda ghar-raba′ imputazzjoni li tirreferi ghall-artikolu 55(A) tal-Kap. 480 li ghandu piena ta′ prigunerija mhux izjed minn erba′ snin. Irrefera ukoll ghall-hames imputazzjoni, dik illi garr jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju li jgib mieghu piena ta′ prigunerija minn tlett xhur sa ghaxar snin. Oltre dan hemm ir-recediva li ai termini tal-artikolu 289 tal-Kap. 9 hija fakultattiva f′idejn il-Qorti illi zzid il-piena bi grad jew tnejn. Ghalhekk meta l-Qorti tqis l-assorbimenti tat-tieni, it-tielet imputazzjonijiet mal-ewwel imputazzjoni, il-piena minima ghall-ewwel imputazzjoni biss hija dik ta′ tmintax-il xahar prigunerija. Ma′ dan, bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, ghandu jizdied minn terz sa nofs il-piena applikabbli ghar-raba′ u l-hames imputazzjonijiet maghqudin flimkien.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-ewwel Qorti nizlet taht il-minimu meta imponiet sena prigunerija meta ma kienx hemm gustifikazzjonijiet specjali u straordinarji ghal dan. Din il-Qorti tikkondividi l-preokkupazzjoni tal-Avukat Generali illi l-appellat wettaq dan ir-reat fuq zewg persuni innocenti li kienu fuq il-post xoghol taghha ser jaghlqu l-hanut biex imorru lura d-dar. M′hemmx dubbju illi l-uzu ta′ pistola, ghad illi din kienet imitazzjoni, kienet trawmatika f′mohh dawn il-persuni, u l-appellat jisthoqq illi jircievi l-piena li haqqu u xejn anqas.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tilqa′ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena fejn minflok piena ta′ tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba′ snin, tikkundanna lill-appellat ghal piena ta′ prigunerija ta′ sentejn sospizi ghal erba′ snin bl-istess inkarigu moghti mill-ewwel Qorti ghall-probation officer biex jassisti lill-appellat johrog mill-vizzju tal-loghob.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------